# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 11**

**Rikors numru 70/17 JPG**

**Antonella Grixti**

**v.**

**Ministru ghall-Familja, Drittijiet tat-tfal u Solidarjeta` Socjali u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mir-rikorrenti Antonella Grixti [ir-rikorrenti Grixti], u l-iehor incidentali maghmul mill-Ministru intimat, mis-sentenza moghtija fil-11 ta' April, 2018, [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti Grixti u inter alia ma sabitx

ksur tal-Artikolu 39[3] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni].

Mertu

2. Illi r-rikorrenti Grixti fethet dawn il-proceduri fejn talbet lill-ewwel Qorti:

> "1. Tiddikjara li l-fatt li l-Ministru intimat m'attomperax ruhu mar-regolament nru. 3 tal-Avviz Legali 49 tas-sena 1985 u dan meta l-persuna li semghet lir-rikorrenti ma kelliex id-delega li taghmel dan skont l-istess regolament u ghalhekk gie vjolat id-dritt taghha ta' smiegh xieraq hekk kif sancit tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konvenzjonali ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem.
>
> "2. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tizgura tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti inkluz li tannulla l-procediment intier li wassal ghall-Ordnijiet ta' Harsien u l-istess Ordnijiet fil-konfront tal-minuri Zenden u Zayia Grixti u dan taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni".

3. L-intimat il-Ministru ghall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta` Socjali [il-Ministru intimat] u l-intimat l-Avukat Generali pprezentaw risposta kongunta fejn, wara li ssollevaw eccezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fuq il-meritu, eccepew li t-talbiet tar-rikorrenti Grixti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hemm imfissra.

Fatti

4. Il-fatti kif johrogu mir-rikors promotur u li fuqhom ir-rikorrenti qed isejjes it-talbiet taghha huma dawn:

> "Illi fit-30 ta' Gunju 2017 inharget Ordni ghall-Harsien ai termini tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-minuri tar-rikorrenti Zenden Grixti u Zayia Grixti.
>
> "Illi fil-21 ta' Lulju 2017 ir-rikorrenti oggezzjonat ghal hrug ta' din l-Ordni.
>
> "Illi permezz ta' zewg sentenzi moghtija fl-10 t'Awissu, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni cahdet l-oggezzjoni tar-rikorrenti.
>
> "Illi f'dawk il-proceduri r-rikorrenti kienet qajmet lanjanza kostituzzjonali ai termini tal- Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konvenzjonali ai termini tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem.
>
> "Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni permezz ta' zewg digrieti ukoll datatati 10 t'Awissu 2017 cahdet il-lanjanza hemm imqanqla.
>
> "Illi r-rikorrenti tal-Ordni ghall-Harsien hawn fuq imsemmija gie lez id-dritt taghha ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konvenzjonali ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem u cioe d-dritt ta' smiegh xieraq.
>
> "Illi r-rikorrenti tispjega illi d-dritt ta' smiegh xieraq huwa fih innifsu l-qofol tal-garanziji procedurali ta' smiegh gudizzjarju.
>
> "Illi jigi spjegat li sabiex inbdew il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal- Minorenni hawn fuq suriferiti, il-Ministru intimat effetivament hareg l-Ordni ta' Harsien u l-proceduri sussegwenti huma forma t'appell.
>
> "Illi huwa indiskuss ghalhekk li minghajr l-ordni inizjali l-proceduri sussegwenti il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni kienu jkunu inutli u inezistenti.
>
> "Illi dan kollu qed jinghad kif wara kollox dejjem jigi sottomess mill-intimati tramite diversi eccezzjonijiet f'kawzi simili huwa l-process fl-intier tieghu li ghandu jigi ezaminat.

"Illi fil-proceduri fuq imsemmija irrizulta illi l-Ministru intimat ma kienx hu illi semgha lil rikorrenti ai temini tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta imma kienet certu MaryGrace Genovese.

"Illi ai termini tar-regolament 3 tal-Avviz Legali 49 tas-sena 1985, il-Ministru jista jiddelega rapprezentant sabiex jaqdi din il-funzjoni.

"Illi jirrizulta pero illi din il-procedura ma gietx adoperata b'mod li Mary Grace Genovese qdiet il-funzjoni taghha minghajr il-propja delega.

"Illi dan in-nuqqas procedurali huwa gravi bizzejjed sabiex wassal ghal ksur tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konvenzjonali ai termini tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Liberitajiet tal-Bniedem.

"Illi l-Ministru intimat fil-hin li hareg l-Ordnijiet in dezamina kien qed jaqdi funzjoni quasi gudizzjarja ghaliex l-unika mezz sabiex dik id-decizjoni tigi attakkata hija triq gudizzjarja permezz ta' proceduri appoziti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni u ghalhekk ukoll il-funzjoni tal-Ministru intimat ghandha tiggarantixxi smiegh xieraq".

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt rilevanti ghal dan l-Appell:

"**Mary Grace Genovese** xehdet a fol 23 *et seqq* illi hija tahdem bhala *Assessor for Welfare Services* fi hdan id-Dipartiment tas-Social Welfare Services u ilha f'dan ir-rwol ghal numru ta' snin. Spjegat illi l-Ordinijiet ta' Harsien ma johrogux minn ghandhom, izda mill-Appogg, li wara li tohrog *interim care order,* javzaw lid-Direttur taghhom, li mbaghad jinkariga lilha sabiex tibghat ghall-genituri kkoncernati. Kompliet li hi tispjega lil genituri xi jfisser Ordni ta' Harsien, tinfurmahom bid-drittijiet taghhom, li ghandhom dritt jappellaw, x'se jitilfu meta johrog Ordni ta' Harsien u tisma l-kummenti li jkollhom huma. Ziedet illi hi tkun irciviet ir-rapport fuq il-kaz, ghaliex l-Appogg jibghatuh lid-Direttur u d-Direttur jibghatu lilha. Spjegat li hi mbaghad taghmel rapport li jintbghat lil Anna Cauchi fil-Ministeru. Kjarifikat illi hi f'din il-laqgha ma tiehu l-ebda decizjoni, izda biss tgharraf lil genituri bid-drittijiet taghhom u b'dak li jinvolvi Ordni ta' Harsien, u tisma' dak li jkollhom xi jghidu il-genituri. Qalet li lanqas rakkomandazzjonijiet ma taghti, hlief rakkomondazzjonijiet lil genituri sabiex jikkoperaw mal-

professjonisti involuti u jtejbu hajjithom. Xehdet li hi ikollha kuntatt mad-Direttur biss, u l-Ministru qatt ma ghamel kuntatt maghha.

“**Ir-rikorrenti Antonella Grixti** xehdet a fol 22A illi kienet bghatet ghaliha Mary Grace Genovese, li kienet spjegatilha x’inhu Ordni ghall-Harsien u staqsietha ghalfejn ma taqbilx mieghu, u gharrfitha wkoll bid-drittijiet taghha, senjatament bid-dritt illi tressaq appell mid-decizjoni li jinhareg l-Ordni ghall-Harsien fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata (21).

“**Il-Ministru Ghall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta Socjali Dr. Michael Falzon** xehed permezz ta’ affidavit a fol 34 illi huwa kien iddelega d-dritt li jisma’ lil genituri ta’ minuri li fil-konfront taghhom jinhareg Ordni ta’ Harsien skont il-ligi, billi ta struzzjonijiet bil-fomm lid-Direttur tal-istess Dipartiment, u cioe lil Carmen Buttigieg, u dan kif awtorizzat mir-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 285.01.

“**Ikkonsidrat;**

“Permezz tal-eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati eccepew illi l-Avukat Generali m’huwiex il-legittimu kontradittur f’din l-azzjoni peress li l-ilment in kwistjoni m’huwiex gej minn xi ghemil tieghu.

“Skont l-Artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

> **““*Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*.””**

“Fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Galea et vs L-Awtorita tad-Djar et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta’ April 2015 intqal illi:

> **““*Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti mhux jattakkaw il-validita` ta` ligi. Lanqas ma huma qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li ligi jew parti minnha qeghda tikser xi jedd fondamentali taghhom.* (…)**
>
> **““(…)**
>
> **“*Din il-Qorti mhijiex tara l-htiega li l-Avukat Generali jkun prezenti bhala intimat fil-procediment tal-lum. Fil-fehma taghha, l-Avukat Generali kellu jigi notifikat biss bir-rikors promotur kif jipprovdi l-Art 181B(3).*””**

“Bl-istess mod, f’dan il-kaz ir-rikorrenti m’hijiex qed tilmenta rigward il-validita ta’ xi ligi jew l-operat taghha, izda l-ilment taghha, in succint, jikkoncentra fuq il-fatt illi l-Ministru ntimat ma segwiex il-procedura dettata mill-ligi ghall-oghti ta’ delega sabiex tinstema’ r-rikorrenti skont ir-regolament 3 tal-Avviz Legali 49 tas-sena 1985.

"Huwa car ghalhekk illi m'hemm l-ebda utilita li l-Avukat Generali jkun parti minn din il-kawza, u filfatt ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda argument fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti mod iehor. Ghalhekk l-Avukat Generali ma kellux jigi mharrek bhala ntimata f'dawn il-proceduri, izda kellu biss jigi nnotifikat bir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

"**Ikkonsidrat;**

"Permezz tat-tieni eccezzjoni, il-Ministeru ntimat, eccepixxa li ghandhom jigu allegati l-atti tal-Ordni ghall-Harsien a favur tal-minuri ulied ir-rikorrenti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni. Il-Qorti taghraf illi l-allegazzjoni ta' dawn l-atti saret, wara ordni f'dan is-sens datat 4 ta' Ottubru 2017, u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

"**Ikkonsidrat;**

"L-intimat eccepixxa wkoll illi din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat konvenzjonali taghha skont il-proviso tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex skont hu, ir-rikorrenti naqset milli tuza ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha, ossia, azzjoni quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva.

"Il-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 jipprovdi hekk:

> ***"'Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.'"***

"Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha fuq il-pretest li seta` kien hemm rimedji ordinarji:

> ***"" … ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz."[1]"***

1 **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku**, Qorti Kostituzzjonali deciza 14 ta' Mejju 2004.

"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent** il-Qorti Kostituzzjonali qalet :-

> ***""Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli.""***

"Skont l-Artikolu 469A (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> **""*Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra*.""**

"Il-Qorti taghraf illi r-rikorrenti kellha mod kif tikkontesta l-att ilmentat, u cioe billi, tressaq, kif filfatt ghamlet, appell kontra d-decizjoni li jinhareg Ordni ghall-Harsien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni, f'liema appell tressaq l-ilment taghha dwar l-allegat nuqqas tal-Ministru li jsegwi l-procedura provduta mill-ligi ghad-delega tal-poteri tieghu. Filfatt ir-rikorrenti hekk ghamlet, tant illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni kienet ippronunzjat sentenza in parte rigward in-nullita tad-decizjoni a bazi ta' dan l-ilment. Huwa car ghalhekk illi a kuntrarju ta' dak argumentat mill-intimat, ir-rikorrenti ma setghatx tirrikorri ghar-rimedju provdut fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex skont is-sub-artikolu 4 tal-istess artikolu, galadarba hija kellha a disposizzjoni taghha mezz kif tikkontesta l-agir impunjat tramite l-appell intavolat minn quddiem il-Qorti tal-Minorenni, hija ma setghatx tirrikorri ghar-rimedju provdut f'dan l-artikolu. Ghalhekk huwa car li din l-eccezzjoni preliminari, sa fejn hija bbazata fuq ir-rimedju ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, hija nfondata u ghaldaqstant qed tigi michuda.

"Fir-rigward tal-argument illi r-rikorrenti kellha wkoll rimedju quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, il-Qorti taghraf illi skont il-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni limitata, fis-sens illi jista' jistharreg l-eghmil ta' entitajiet inkluzi fl-Ewwel Skeda tal-istess Att, jew ta' dawk l-entitajiet li xi ligi specjali taghti lit-Tribunal il-gurisdizzjoni sabiex jistharreg l-eghmil taghha. Il-Qorti rat illi f'dan il-kaz, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma kellux kompetenza sabiex jisma' u jiddetermina l-ilment tar-rikorrenti,

u ghalhekk ma jistghax jitqies illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju disponibbli ghaliha quddiem dan it-Tribunal.

"Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

"**Ikkonsidrat;**

"L-intimat eccepixxa wkoll illi dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji ghaliex id-doveri tal-Ministru li jemanu mill-Kapitolu 285 tal-Ligijiet ta' Malta huma doveri amministrattivi u mhux poteri kwazi gudizzjarji u ghalhekk l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta m'humiex applikabbli.

"Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, il-kuncett ta' 'tribunal' ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa wiehed awtonomu, u ma jiddependix fuq il-klassifikazzjoni tal-entita in kwistjoni fid-dritt ordinarju domestiku. Skont is-sentenza **Sramek v. Austria**, sabiex l-Artikolu 6 jkun applikabbli ghal entita partikolari li ma inghatax definizzjoni ta' 'tribunal' fil-ligi ordinarja, is-segwenti kriterju huwa determinanti:

> **""...*its function is to determine matters within its competence on the basis of rules of law, following proceedings conducted in a prescribed manner*..."[2]"**

"Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Rolf Gustafson v. Sweden**

> **""...*for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) a tribunal need not be a court of law integrated within the standard judicial machinery. It may, like the Board at issue, be set up to deal with a specific subject matter which can be appropriately administered outside the ordinary court system*."[3]"**

"Sabiex entita tkun tista' tigi meqjusa bhala 'tribunal' ghall-finijiet tal-Artikolu 6, din l-entita ghandu kollha l-poter illi tiddetermina il-vertenza tal-partijiet, ghaliex **"...*a power of decision is inherent in the very notion of "tribunal" within the meaning of the Convention*..."[4]**

"Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Van De Hurk v. The Netherlands** intqal illi:

> **""...*the power to give a binding decision which may not be altered by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "tribunal", as is confirmed by the word "determination" ("qui décidera")*..."[5]"**

---

[2] **Sramek v. Austria,** ECHR 8790/79 deciza 22 ta' Ottubru 1984, par. 36. Vide wkoll **Cyprus v. Turkey,** ECHR 25781/94 deciza 10 ta' Mejju 2001, par. 233.
[3] **Rolf Gustafson v. Sweden,** ECHR 23196/94 deciza 1 ta' Lulju 1997, par. 45.
[4] **Benthem v. The Netherlands,** ECHR 8848/80 deciza 23 ta' Ottubru 1985, par. 40.
[5] **Van De Hurk v. The Netherlands,** ECHR 16034/90 deciza 19 ta' April 1994, par. 45.

"Imbaghad, il-fatt li l-entita in kwistjoni tgawdi minn pluralita ta' poteri, inkluz poteri amministrattivi, ma jfissirx necessarjament illi l-istess entita ma taqax taht id-definizjoni ta' 'tribunal' ai terimini tal-Artikolu 6. Filfatt, fis-sentenza **H. V. Belgium,** il-Qorti ta' Strasbourg qiset illi il-*Council of the Ordre des avocats* ta' Antwerp kien jaqa' taht id-definizjoni ta' 'tribunal' ai termini tal-Artikolu 6, minkejja illi kellu numru ta' poteri, inkluz amministrattivi, dixxiplinarji u regolaturi, ghaliex bid-decizjoni tieghu rigward ir-re-ammissjoni ta' avukat biex jipprattika l-ligi kien qed iwettaq funzjoni ta' indoli gudizzjarji.[6]

"Fil-kaz odjern, **l-Artikolu 4(1) tal-Att Dwar Tfal u Zghazagh (Ordinijiet ghall-Harsien) jipprovdi illi:**

> **""*Jekk, wara li jsirulu rappreżentazzjonijiet bil-miktub mid-Direttur tad-Dipartiment responsabbli għall-Ħarsien Soċjali u wara li jagħti lill-ġenituri u lill-kustodju, jekk ikun hemm, tat-tifel jew taż-żagħżugħ opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom, u wara li jisma' lil kull persuna oħra li x'aktarx tista' tgħinu, il-Ministru jkun sodisfatt li dak it-tifel jew żagħżugħ ikun jinħtieġ ħarsien, protezzjoni jew kontroll, ikun id-dmir tal-Ministru b'ordni bil-miktub iffirmat minnu li jieħu lil dak it-tifel jew żagħżugħ taħt il-ħarsien tiegħu.*""**

"Huwa bla dubbju li dan l-Artikolu jaghti lill-Ministru responsabbli s-setgha illi jiddeciedi, wara li jisma lid-Direttur tad-Dipartiment responsabbli ghall-Harsien Socjali, u l-genitur jew il-kustodju tal-minuri, li jiehu lil minuri taht il-harsien tieghu. Minn din id-decizjoni jkun isegwi illi l-genitur jew il-kustodju jitlef il-kura u kustodja tal-minuri, u jigi separat milli minuri bid-dritt biss ta' access fejn ikun il-kaz. Minn din id-decizjoni tal-Ministru imbaghad hemm dritt ta' appell favur il-genitur jew kustodju, quddiem il-Qorti tal-Minorenni. In vista ta' dan ghalhekk, u wara li rat il-gurisprudenza tal-Qrati Ewropej, il-Qorti tqis li l-Artikolu 6 huwa applikabbli fil-kaz in kwistjoni.

"Is-setgha tal-Ministru illi jiehu d-decizjoni li johrog Ordni ghall-Harsien tohrog mill-ligi stess, u l-ligi wkoll tipprovdi ghall-procedura li ghandha tigi segwita mill-Ministru fit-tehid tad-decizjoni tieghu. Id-decizjoni tal-Ministru illi johrog Ordni ghall-Harsien fuq minuri hija wahda detrimentali ghall-interessi u d-drittijiet ta' genitur fuq uliedu, ghaliex twassal ghas-separazzjoni tal-familja, u l-isvestiment tal-kura u kustodja ta' dak il-genitur fuq uliedu. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, fid-dawl tal-principji hawn fuq enuncjati, id-decizjoni tal-Ministru tista' titqies bhala wahda ta' natura gudizzjarja ai termini tal-Artikolu 6, u minn dan isegwi illi l-Artikolu 6 huwa applikabbli fil-kaz odjern. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

"**Ikkonsidrat;**

[6] **H. v. Belgium,** ECHR 8950/80 deciza 30 ta' Novembru 1987, par. 50.

"Fil-meritu l-intimat eccepixxa, *inter alia,* illi l-ilment tar-rikorrenti m'huwiex fondat ghaliex il-ligi ma timponiex fuq il-Ministru l-obbligu li jaghti d-delega bil-miktub. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, r-rikorrenti tghid illi l-Ministru jista' jiddelega rapprezentant sabiex jaqdi hu l-funzjoni tieghu li jiddeciedi dwar il-hrug ta' Ordni ta' Harsien izda tispjega illi Mary Grace Genovese ma kienetx giet moghtija delega direttament mill-Ministru sabiex tagixxi bhala lunga mano tieghu, ghaliex, ikkonsidrat illi l-kwistjoni tal-Hrug ta' Ordni ghall-Harsien hija wahda delikata, id-delega ma tistghax tigi estiza ghad-dipartiment kollu, izda tista' ssir biss fir-rigward ta' persuna partikolari.

"Il-Qorti rat illi l-Ministru rikorrenti xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma illi huwa kien iddelega d-dmir li jisma' lill-genituri tal-minuri lid-Dipartiment responsabbli ghall-Harsien Socjali, u dan billi inghataw struzzjonijiet bil-fomm lid-Direttur tal-istess Dipartiment, u cioe Carmen Buttigieg. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta mir-rikorrenti. Il-Qorti rat ukoll illi Mary Grace Genovese, li kienet il-persuna li semghat lir-rikorrenti ai termini ta' din id-delega, xehdet quddiem din il-Qorti u kkonfermat illi hija kellha struzzjonijiet minghand id-Direttur tad-Dipartiment responsabbli ghal-Harsien Socjali sabiex tisma' lir-rikorrenti, u taghtiha informazzjoni rigward l-Ordnijiet ghall-Harsien u d-drittijiet taghha fil-kaz li jinhareg wiehed, u li tiehu nota ta' dak li tghid ir-rikorrenti, u li kkonfermat inoltre li hija ma taghti l-ebda rakkomandazzjoni lil Ministru u lanqas ma tiehu xi decizjoni.

"Ir-regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 285.01 jipprovdi illi:

> **""*Ghall-finijiet ta' l-artikolu 4(1) ta' l-Att, il-Ministru jista' jiddelega rapprezentant biex jisma' lill-genituri u lit-tutur, jekk ikun hemm, tat-tifel jew zaghzugh jew kull persuna ohra li l-Ministru jidhirlu li x'aktarx tista' tghin lit-tifel jew liz-zaghzugh*.""**

"Il-Qorti rat illi l-ligi ma timponix procedura partikolari li ghandha tigi segwita ghall-oghti ta' delega, u lanqas tillimita n-numru ta' persuni li jistghu jigu delegati sabiex jaqdu l-funzjoni tal-Ministru li jisma' l-genitur tal-minuri koncernat. Il-Qorti taghraf ukoll illi mill-provi jirrizulta illi filfatt ir-rikorrenti giet mismugha mill-persuna hekk delegata, u cioe Mary Grace Genovese, u giet informata sew bid-drittijiet taghha, hekk kif irrizulta mix-xhieda tar-rikorrenti stess quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tqis illi ma jistghax jinghad illi gie lez id-dritt tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq, stante li jidher illi r-rikorrenti giet mismugha, u l-oggezzjonijiet taghha gew notati f'rapport li gie mghoddi lil Ministru, u giet informata b'mod car rigward il-posizzjoni taghha, u d-drittijiet taghha.

"Fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet **Ezgeta v. Croatia** deciza fis-7 ta' Settembru 2017, il-Qorti tqis illi din is-sentenza m'hijiex applikabbli ghall-kaz odjern. Is-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg kienet titratta kwistjoni fejn ufficjal tal-Qorti kien ippresjeda u ddecieda hu stess il-kawza impunjata. F'dan il-kaz, Genovese ma tat l-ebda decizjoni rigward il-hrug ta' Ordni ta' Harsien, u lanqas biss

> tat xi rakkomandazzjonijiet lil Ministru f'dak ir-rigward, izda l-funzjoni taghha kienet sempliciment illi tgharraf lir-rikorrenti bil-implikazzjoni ta' Ordni ghal-Harsien u d-drittijiet taghha, u tiehu nota tal-posizzjoni tar-rikorrenti. Inoltre, fil-kaz ta' Ezgeta v. Croatia, il-ligi stess kienet tipprekludi l-possibilita li l-kaz jigi determinat minn ufficjal tal-Qorti u mhux mill-gudikant innifsu, peress illi l-ligi kienet tipprovdi illi l-ufficjal tal-Qorti seta' jiddetermina kawzi f'cirkostanzi partikolari espressament provduti fil-ligi, u il-kaz meritu ta' dawk il-proceduri ma kienx jaqa' taht wiehed minn dawn ic-cirkostanzi. F'dan il-kaz, il-ligi nnifisha tipprovdi illi l-Ministru jista' jiddelega l-funzjonijiet tieghu, minghajr ma tippreskrivi l-mod ta' kif u lil min ghandha ssir din id-delega. Inoltre, u aktar important minn hekk, il-funzjoni delegata mill-Ministru ma kienetx dik tad-decizjoni dwar il-Hrug tal-Ordni ghall-Harsien, izda kienet dik illi l-Ministru jisma' lil genitur koncernat, b'mod illi Genovese ma qdiet l-ebda funzjoni gudizzjarja, ghaliex il-funzjoni delegata lilha lanqas biss kienet tkopri l-oghti ta' parir lil Ministru.
>
> "Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati u ma jistghux jigu milqugha".

L-Appell

6. Ir-rikorrenti Grixti pprezentat l-appell taghha fis-27 ta' April, 2018, u qeghda titlob it-thassir u r-revoka tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet taghha, filwaqt li tfisser li l-aggravju taghha jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kellha ssib li hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Kostituzzjoni].

7. Fir-risposta ghall-appell principali, l-intimat Ministru qed isostni li s-sentenza appellata hi gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud; huwa ressaq appell incidentali fejn jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata u jispjega li l-aggravju tieghu hu dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet li (i) l-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni kien applikabbli ghall-kaz odjern u, (ii) ir-rikorrenti Grixti ma kellhiex rimedju ordinarju iehor.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tittratta flimkien l-aggravji mressqa mill-partijiet minhabba li hemm l-istess konsiderazzjonijiet li jghoddu ghall-aggravji rispettivi taghhom.

*Rimedji ordinarji*

9. L-ewwel Qorti ttrattat l-eccezzjoni mressqa mill-intimat Ministru billi qabel xejn ghamlet riferenza ghas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll ghall-gurisprudenza tal-qrati taghna[7]. Iccitat is-subartikolu 469A(4) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u osservat li r-rikorrenti Grixti kellha, u fil-fatt ghamlet uzu minn mezz li bih setghet tikkontesta l-Ordni tal-Harsien, jigifieri permezz ta' appell quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni li diga` ppronuncjat ruhha f'sentenza parzjali. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li jsostni l-intimat Ministru, ir-rikorrenti ma setghetx tirrikorri ghar-rimedju moghti mis-subartikolu 469A(4) tal-imsemmi kodici, galadarba kellha mezz iehor li permezz tieghu hi setghet tikkontesta l-agir li qed

[7] Q. Kost. **David Axiaq v. Awtorita' tat-Trasport Pubbliku,** deciz 14 ta' Mejju, 2004, u Q. Kost. **Salvatore Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent,** deciz 30 ta' Mejju, 2003,

tilmenta minnu. Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni li r-rikorrenti Grixti kellha rimedju iehor quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, l-ewwel Qorti kkonsidrat li l-kompetenza limitata ta' dan it-Tribunal ma kinetx tkopri s-smiegh tal-ilment taghha. B'hekk l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' dan l-intimat li r-rikorrenti kellha rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni taghha.

10. L-intimat Ministru qed isostni fl-appell incidentali tieghu li *"… l-istess Qorti naqset milli tikkonsidra l-fatt li r-rikorrenti kellha rimedju ghad dispozizzjoni taghha li jahseb ghalih l-Kodici ta' Procedura li jaghti gurisdizzjoni residwa lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tistharreg l-legalita' o meno li biha tkun agixxiet persuna fdata b'awtorita'."*. Aktar 'l isfel fl-istess appell jghid li qabel xejn kellu jigi deciz jekk id-delega moghtija minnu kinitx valida.

11. Issa skont il-*proviso* tas-subartikolu 46(4) tal-Kostituzzjoni li jinstab ripetut fil-*proviso* tas-subartikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, l-ewwel Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha d-diskrezzjoni li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha jekk tkun sodisfatta li hemm jew kien hemm disponibbli mezzi xierqa ohra ta' rimedju. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti kkonsidrat iz-zewg rimedji ohra li l-intimat Ministru qed isostni li huma disponibbli ghar-rikorrenti Grixti izda waslet ghall-

konkluzjoni li l-istess rikorrenti Grixti ma setghetx tirrikorri ghal dawn ir-rimedji ghar-ragunijiet hemm imfissra.

12. Hi gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti li meta l-ewwel Qorti taghzel li tezercita s-setghat taghha, din il-Qorti ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni sakemm l-ewwel Qorti ma tkunx manifestament u grossolanament zbaljata fl-uzu ta’ dik id-diskrezzjoni[8]. Fil-kaz odjern ma jirrizultax minn dak li kkonsidrat l-ewwel Qorti li d-diskrezzjoni taghha kienet intuzat b’xi mod zbaljat. Dik il-Qorti qieset sew li s-subartikolu 469A(4) tal-imsemmi kodici ma jaghtix lir-rikorrenti Grixti d-dritt li tipprocedi skont dak l-artikolu galadarba kellha rimedju provdut taht ir-regolament 4 tal-L.S. 285.01. Ukoll l-ewwel Qorti gustament iddecidiet li t-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ma kellu l-ebda kompetenza li jiddeciedi l-ilment tar-rikorrenti Grixti ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta’ Malta.

13. Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv, gew delineati minn din il-Qorti f’diversi sentenzi taghha. Dan l-insenjament gie migbur b’mod komprensiv fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate**

[8] Ara App. Kost. 10/11, **Joseph Falzon et v. Avukat Generali et,** deciz 28 ta’ April, 2017; App. Kost. **Raymond Vella et v. Kummissarju tal-Artijiet,** deciz 24 ta’ Mejju, 2004; u App. Kost. 5/11, **Stacey Spiteri et v. Direttur tar-Registru Pubbliku,** 27 ta’ April, 2012.

**Affairs**, fejn fost osservazzjonijiet ohra gie osservat li *"Ir-rimedju jrid ikun accessibili, xieraq, effettiv u adegwat biex indirizza l-ksur lamentat".* Fil-kaz odjern minn dak li kkonsidrat l-ewwel Qorti u wkoll din il-Qorti, m'hemmx dubbju li z-zewg rimedji li l-intimat Ministru offra bhala rimedji alternattivi ghal dak kostituzzjonali m'humiex accessibili lir-rikorrenti Grixti.

14. Sahansitra wkoll din il-Qorti tqies li l-argument li jwaqqa' dak li qed jishaqq fuqu l-intimat Ministru jinsab proprju f'paragrafu citat minn *Law of the European Convention on Human Rights* fil-paragrafu 32 tal-appell tieghu li jekk jitfittex rimedju partikolari, ma jenhtiegx li jigi mfittex rimedju iehor li jkollu l-istess ghan.

> "It is settled case-law, confirmed by the Grand Chamber in Micallef v. Malta and Kozacioglu v. Turkey, that there were numerous remdies exist which are likely to be adequate and effective it is enough that the applicant has had recourse to one of them. This has been understood to mean two things. First, in the event of there being a number of remedies which an individual can pursue, that person is entitled to choose the remedy which addresses his essential grievance. Second when a remedy has been pursued, use of another remedy which has essentially the same objective is not required. Thus for example of a criminal compliant has been pursued, additional civil or administrative remedies need not be pursued (*Law of the European Convention on Human Rights, 3rd ed., Harris O'Boyle & Warbrick pp54*)."

15. Dan sehh fil-kaz odjern meta r-rikorrenti Grixti oggezzjonat ghall-hrug ta' zewg Ordnijiet ghall-Harsien rispettivi fil-konfront ta' kull wiehed miz-zewgt itfal minuri taghha u nghataw zewg sentenzi rispettivi mill-Qorti tal-Magistrati fejn l-oggezzjoni taghha giet michuda.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-appell incidentali mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Applikabbilita' o meno tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

17. L-ewwel Qorti qieset il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u wkoll dak li jipprovdi ghalih is-subartikolu 4(1)[9] tal-Att Dwar Tfal u Zghazagh (Ordnijiet ghall-Harsien).

18. Dik il-Qorti kkonsidrat li dan is-subartikolu jaghti lill-Ministru responsabbli s-setgha li jiddeciedi jekk ghandux jiehu taht il-harsien tieghu minorenni, f'liema eventwalita` il-genitur jew il-kustodju tieghu jitlef il-kura u l-kustodja tat-tifel, jigi separat minnu u jinghata access biss fejn ikun il-kaz. Dik il-Qorti osservat ukoll li tali decizjoni kienet wahda detrimentali ghall-interessi u d-drittijiet tal-genitur fuq uliedu minhabba li kienet twassal ghas-separazzjoni tal-familja u l-isvestiment tal-kura u tal-kustodja ta' dak l-genitur. Ikkonsidrat li minn din id-decizjoni tal-Ministru intimat hemm dritt ta' appell da parti tal-genitur jew tal-kustodju, quddiem il-Qorti tal-Minorenni. B'hekk fid-dawl tal-principji enuncjati aktar 'il fuq fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti waslet biex tghid li d-

[9] Sentenza Appellata pg.14

decizjoni tal-intimat Ministru setghet titqies bhala wahda ta' natura gudizzjarja ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

19. Is-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jghid hekk:

> *"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali …".*

20. Is-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu … kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. …".*

21. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea indikata fis-sentenza appellata, qeghda taqbel ma' dik il-Qorti fejn sabet li d-decizjoni tal-intimat Ministru ghall-hrug ta' ordni ghall-harsien ghandha titqies li hi ta' natura gudizzjarja. Il-Qorti taghmel referenza partikolari ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Campbell and Fell v. United Kingdom**[10] fejn intqal li l-ligi partikolari tal-Ingilterra kienet taghti l-Bord is-setgha li jiehu decizjoni li torbot il-persuni koncernati u ghalhekk dan kien ifisser li l-Bord kellu funzjoni gudizzjarja. Tghid:

> *"Again, the word "tribunal" in Article 6 para. 1 (art. 6-1) is not necessarily to be understood as signifying a court of law of the*

[10] App. 7819/77 deciza 28 ta' Gunju,1984, u ara wkoll App. 6232/73, **Konig v. Germany,** deciza 28 ta' Gunju, 1978.

> *classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country (see, mutatis mutandis, the X v. the United Kingdom judgment of 5 November 1981, Series A no. 46, p. 23, para. 53)".*

22. Il-hrug ta' ordni ghall-harsien jaghti lill-intimat Ministru, kif imfisser fl-Artikolu 8 tal-Kap. 285 tal-Ligijiet ta' Malta, setghat u dmirijiet tal-harsien u l-kustodja tal-genituri jew tal-kustodju skont il-kaz. B'hekk id-decizjoni ghall-hrug ta' tali ordni tekwivali bhala decizjoni li taffettwa d-drittijiet civili ta' dawk il-genituri jew ta' dak il-kustodju ghaliex sahansitra huma jigu mnezza mid-drittijiet civili taghom bhala genituri jew kustodju. Ghalhekk kemm is-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni huma applikabbli ghall-kaz odjern.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-intimat mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*Ksur tas-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 6(1) tal-Konvenzjoni*

24. Ir-rikorrenti Grixti fl-ewwel aggravju taghha tissottometti li gie vjolat id-dritt taghha ghal smiegh xieraq kif protett minn dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi ghaliex l-intimat Ministru qatt ma ghamel id-delega li jipprovdi ghalih ir-regolament 3 tal-L.S.285.01. Dan ir-regolament jghid hekk:

> *"3. Ghall-finijiet ta' l-artikolu 4(1) ta' l-Att, il-Ministru jista' jiddelega rapprezentant biex jisma' lill-genituri u lit-tutur, jekk ikun hemm, tat-tifel jew zaghzugh jew kull persuna ohra li l-Ministru jidhirlu li x'aktarx tista' tghin lit-tifel jew liz-zaghzugh.".*

25. L-ewwel Qorti osservat li fl-affidavit tieghu l-Ministru kkonferma li d-delega opportuna kienet saret minnu bil-fomm lid-Direttur tad-Dipartment responsabbli ghall-Harsien Socjali u li din ix-xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod. Il-persuna li skont dik id-delega kienet semghet lill-istess rikorrenti Grixti, jigifieri Mary Grace Genovese, xehdet li hi kellha struzzjonijiet minghand l-istess Direttur [a] sabiex tisma' lir-rikorrenti Grixti, tghaddilha l-informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-Ordnijiet ghall-Harsien u tinforma lill-istess rikorrent bid-drittijiet taghha jekk xi wiehed minn dawn l-ordnijiet jinhareg u [b] sabiex tiehu nota ta' dak li tghid ir-rikorrenti Grixti. Qalet ukoll li hi ma taghti l-ebda rakkomandazzjoni lill-intimat Ministru u ma tiehu ebda decizjoni fir-rigward.

26. Din il-Qorti tosserva li kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, ir-regolament 3 ma jirrikjedi l-ebda procedura partikolari ta' kif ghandha ssir id-delega minghand l-intimat Ministru. Il-Qorti terga' tqies dak li rrizulta lill-ewwel Qorti sahansitra mix-xhieda tar-rikorrenti Grixti stess, jigifieri li din instemghet mill-persuna delegata u li giet informata bid-drittijiet taghha. Skont ix-xhieda tal-persuna delegata, din thejji rapport li ma jkun fih l-ebda decizjoni min-naha taghha fir-rigward tal-ordni tal-harsien. Dan ir-

rapport jmur mid-Dipartiment fejn tahdem jigifieri d-*Department for Social Welfare Services*, ghand il-Ministru. Ghalhekk, gjaladarba jirrizulta li ma saret l-ebda rakkomandazzjoni u ma ttiehdet l-ebda decizjoni fir-rigward tal-Ordnijiet tal-Harsien mill-persuna delegata, il-Qorti tikkonsidra li ma kien hemm l-ebda process li wassal ghal decizjoni mill-persuna delegata dwar l-Ordnijiet ghall-Harsien. Abbazi ta' dan, din il-Qorti ma tirravviza ebda vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti fil-procedura addottata sabiex tinstema' r-rikorrenti qabel il-Ministru jiehu d-decizjoni tieghu.

27. Fil-meritu din il-Qorti, filwaqt li taqbel mar-rikorrenti Grixti li ma hemmx htiega fil-kaz odjern ta' evalwazzjoni tal-process shih sabiex jigi deciz jekk sarx ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq, tissenjala li sinifikattiv il-fatt li jirrizulta mis-sentenza tal-ewwel Qorti, li wara l-hrug tal-Ordnijiet ghall-Harsien, ir-rikorrenti Grixti pprezentat l-oggezzjonijiet taghha ai termini tar-regolament 4(1) tal-L.S. 285.01 fejn issottomettiet li d-delega tal-intimat Ministru ma kinetx saret skont il-ligi. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni ppronunzjat sentenza in parte rigward l-allegat nullita` tad-decizjoni ghall-hrug tal-Ordnijiet. Ir-rikorrenti Grixti stess fir-rikors tal-appell taghha tghid li permezz ta' zewg sentenzi moghtija fl-10 ta' Awissu, 2017, dik il-Qorti cahdet l-oggezzjoni taghha fir-rigward ta' kull wahda miz-zewg Ordnijiet ghall-Harsien. B'hekk ir-rikorrenti Grixti mhux biss kellha l-opportunita` li tinstema' qabel id-

decizjoni ghall-hrug tal-Ordnijiet ghall-Harsien, izda kellha d-dritt li tressaq appell minn dawk id-decizjonijiet quddiem qorti, jigifieri l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni.

28. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ksur tad-dritt tar-rikorrenti Grixti ghal smiegh xieraq u ghalhekk dan l-aggravju taghha qed jigi michud.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jithallsu kif deciz fis-sentenza appellata, filwaqt li dawk tal-proceduri odjerna ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm